

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

**PROVIŻORJU
2007/2026(INI)**

18.4.2007

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-Green paper dwar it-titjib fl-effiċjenza ta' l-infurzar tas-sentenzi fl-Unjoni Ewropea: is-sekwestru ta' kontijiet bankarji (2007/2026(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sharon Bowles

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal rizzoluzzjoni:

1. Proċedura Ewropea awtonoma għas-sekwestru ta' kontijiet bankarji, suġġetta għal salvagwardji proċedurali b'saħħithom, hija aktar preferibbli mill-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri;
2. Ordnijiet ta' sekwestru għandhom ikunu disponibbli minn meta jiġu ppreżentati l-proċedimenti ġudizzjarji għal talba monetarja; urġenza ġustifikata tista' tippermetti li jsiru ordnijiet iktar bikrija sakemm dawn jiġu segwiti minn proċedimenti ġudizzjarji; l-ordnijiet għandhom jiffriżaw il-kontijiet, u mhux jittrasferixxu l-fondi, sakemm ikun hemm deċiżjoni tal-qorti mill-Istat Membru fejn il-kont ikun miżmum;
3. Huwa neċessarju li l-ordni tkun ġustifikata, pereżempju minħabba r-riskju ta' ħela ta' assi;
4. Il-possibilità ta' tranżazzjoni instantanja ma tippermettix li jsir smiġħ tad-debitur qabel ma jiġi awtorizzat is-sekwestru tal-kont; wieħed għandu jkollu d-dritt li joġġezzjona wara li tkun ħarġet l-ordni, bir-rimbors ta' l-ispejjeż jekk l-appell tad-debitur ikollu eżitu pożittiv, u għalhekk għandhom japplikaw impenji reċiproċi; il-kredituri għandhom imexxu l-proċedimenti legali b'diliġenza xierqa;
5. Għandha tingħata informazzjoni suffiċjenti biex jiġi identifikat kont, anki jekk il-banek ikollhom iwettqu, b'mod diliġenti, riċerki dwar l-isem u l-indirizz;
6. L-ordnijiet ta' sekwestru għandhom jiġu trażmessi b'mezzi li jiggarrantixxu li l-bank jiġi nnotifikat fl-ewwel ġurnata wara li tkun saret it-trażmissjoni u dawn l-ordnijiet għandhom jiġu pproċessati fi żmien 24 siegħa mill-identifikazzjoni tal-kont; għandha tgħaddi notifika formali mill-bank għall-awtorità ta' infurzar u għall-kreditur rigward jekk l-ammont ikkonċernat ġiex assigurat jew le; il-bank għandu wkoll jinnotifika formalment lid-debitur meta l-ordni ta' sekwestru ssir effettiva;
7. L-ispejjeż tal-bank għandhom ikunu koperti fuq il-bażi ta' riflessjoni vera ta' l-ispejjeż attwali mġarrba għas-servizz, inklużi r-riċerki;
8. Il-qorti għandha tistabbilixxi livell ta' spejjeż ta' għajxien li jkun eżentat mill-iffriżar, u li jista' jiġi appellat; l-Istat Membru ta' residenza għandu jkun il-linja gwida għall-ammont.